MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 131/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Carmen Portelli (ID-628151)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm169.80), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21665150 (AT/1710/80 a/c 10023036) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness u markat Dok.A u kuntratt relattiv markat Dok.B.**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Marzu, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm169.80) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-2 ta' Marzu, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------